MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta tad-9 ta' Jannar, 2009

Talba Numru. 936/2004

**John u Michelle konjugi Bonnici**
**vs**
**Valeri u Vera konjugi Gavritchkine**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-3 ta` Mejju, 2004 fejn intalab sabiex il-konvenuti jigu kkundannati jhallsuhom is-somma ta` Lm1,039.00 illum ekwivalenti ghal Euro2,420.22c rapprezentanti valur ta` danni sofferti mill-atturi fil-proprjeta` taghhom gewwa Santa Maria Estate, Mellieha u dana per konsegwenza tax-xogholijiet li kienu qed jigu ezegwiti mill-konvenuti gewwa proprjeta` adjacenti.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta` l-ittra ufficcjali datata 19 ta` Gunju, 2003 u tal-parir u bl-imghax mid-data tan-notifika ta` l-ittra ufficcjali cioe` mill-25 ta` Gunju, 2003 kontra l-konvenuti minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenuti datata 20 ta` Mejju, 2004 fejn ikkontestaw it-talba attrici in linea preliminari minnhabba l-preskrizzjoni ta` l-istess azzjoni a bazi ta` l-artikolu 2153, Kap 16 tal-Ligijiet ta` Malta u fil-meritu li huma ma kienux responsabbli ghall-istess hsarat u li l-ammont pretiz kien ezagerat.

B’riserva ghall-eccezzjonijiet ulterjuri.

Ezamina l-provi prodotti nkluz id-dokumenti ezebiti.

Ezamina r-rapport peritali prezentat mill-Perit Tekniku Godwin Abela nominat minn dan l-istess Tribunal.

Ikkunsidra.

Fis-seduta tat-22 ta` Settembru, 2004 giet irtirata l-ewwel eccezzjoni u ghalhekk it-talba baqghet biss kontestata fuq il-meritu.

Il-Perit Noel Debattista mqabbad mill-atturi spjega kif il-proprjeta` tal-klijenti tieghu sofriet hsarat minhabba l-fatt li l-konvenuti kienu waqfu jezegwixxu x-xogholijiet fil-proprjeta` taghhom ghal madwar sentejn u kwindi t-tafal mikxuf nixef u tilef il-karatteristici tieghu. Huwa hejja stima ta` dawn il-hsarat Dok. ND1 li kienu jammontaw ghal Lm793.50c inkluza t-taxxa tal-VAT.

Peress illi l-meritu ta` l-kaz jitratta punt purament tekniku, fuq qbil bejn il-partijiet gie nominat l-AIC Perit Godwin Abela li gie awtorizzat jirrelata ai termini ta` l-istess nomina skond il-verbal tas-seduta tat-22 ta` Settembru, 2004.

Ra l-konkluzzjonijiet maghmula mill-istess Perit Tekniku nominat minn dan it-Tribunal li bazikament ikkonferma r-rizultanzi tal-Perit Debattista fejn sabu li l-kawza tal-hsara kienet provenjenti mill-fatt li x-xoghol ta` skavar ezegwit fil-fond tal-konvenuti sar fuq medda ta` zmien twil u kwindi l-materjal mal-hajt ta` l-appogg lahaq nixef sew bil-konsegwenza li sar settlement fl-istess hajt ta` l-appogg.

Il-Perit Godwin Abela kkonkluda wkoll li l-ammont ta` hsarat reklamati kien korrett.

Illi mill-ezami ta` l-istess rapport dan it-Tribunal ma jsib ebda raguni il-ghala ghandu jiddipartixxi mill-konkluzzjonijiet hemm raggjunti.

Ghaldaqstant it-Tribunal qieghed jaqta` u jiddeciedi dan il-kaz billi jichad l-eccezzjonijiet sollevati mill-konvenuti, kwindi jilqa` t-talbiet attrici, jiddikjara li l-konvenuti kienu responsabbli ghal hsarat kawzati fil-proprjeta` ta` l-istess atturi u konsegwentement jikkundanna lill-istess konvenuti jhallsu lill-atturi s-somma mitluba ta` Euro2,420.22c, bl-imghax legali dekorribbli mid-data tal-prezentata ta` l-odjern avviz u bl-ispejjez kollha ta` din l-istanza kontra l-istess konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------